IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.5.2021
COM(2021) 258 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar ir-regoli adottati mill-Awtorità tal-Ħatra ta' kull istituzzjoni biex jiġu implimentati r-Regolamenti tal-Persunal

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-BAŻI ĠURIDIKA U L-OBJETTIVI TAR-RAPPORT

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill stabbilew, permezz ta' Regolament, ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa s-"**CEOS**"(Conditions of Employment of other servants of the Union)), kif meħtieġ mill-Artikolu 336 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Filwaqt li dawn l-atti leġiżlattivi jirregolaw ir-relazzjonijiet legali bejn l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji u l-persunal tagħhom fid-dettall, dawn mhumiex eżawrjenti, peress li espressament jagħtu s-setgħa lil tal-ewwel biex jadotta aktar regoli ta' implimentazzjoni dwar għadd ta' kwistjonijiet.

Bħala parti mir-**Riforma tal-2014 tar-Regolamenti tal-Persunal**, il-koleġiżlaturi introduċew mekkaniżmi biex iżidu l-**konformità** mal-qafas leġiżlattiv u biex isaħħu l-**governanza** effettiva, filwaqt li jippermettu lill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji jgawdu awtonomija fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal u tas-CEOS għall-persunal tagħhom.

Minn mindu għaddiet din ir-riforma, **l-Artikolu 110(6) tar-Regolamenti tal-Persunal**[1] jirrikjedi li l-Kummissjoni tippreżenta rapport kull tliet snin dwar ir-regoli adottati mill-awtorità tal-ħatra ta' kull istituzzjoni għad-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal. Dan l-obbligu jikkonċerna l-istituzzjonijiet, kif definiti f'konformità mal-Artikolu 13 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u mal-Artikoli 1, 1a u 1b tar-Regolamenti tal-Persunal (minn hawn 'il quddiem imsejħa flimkien bħala l-"**istituzzjonijiet**"), kif ukoll il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 1a(2) tar-Regolamenti tal-Persunal (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"**agencies**")[2].

Dan ir-rapport huwa t-tieni rapport ta' dan it-tip, li jkopri l-perjodu mill-**1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2019**. L-ewwel rapport ġie ppubblikat fl-2017[3].

Flimkien mar-reġistru dwar ir-regoli ta' implimentazzjoni miżmuma mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea[4], ir-rapport huwa għodda li tippermetti t-**trasparenza** u tippromwovi **applikazzjoni konsistenti tar-Regolamenti tal-Persunal**[5], filwaqt li tagħmel ir-regoli **aċċessibbli għaċ-ċittadini** tal-Unjoni Ewropea.

2. IL-ĠBIR TA' INFORMAZZJONI GĦAR-RAPPORT

[1] Kif emendat bir-Regolament Nru 1023/2013 tat-22 ta' Ottubru 2013.
[2] Għal lista sħiħa, ara t-Titolu II(a) u (b) ta' dan ir-rapport.
[3] Dan kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2016. Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-regoli adottati mill-awtorità tal-ħatra ta' kull istituzzjoni għad-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal (COM(2017) 632 final) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-"**rapport tal-2014-2016**").
[4] Disponibbli fuq l-applikazzjoni tal-internet aċċessibbli għall-pubbliku "Ċentru ta' Riżorsi ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni għall-Amministraturi, in-Negozji u ċ-Ċittadini (CIRCABC)".
[5] Ara l-premessa 32 tar-Regolament Nru 1023/2013 tat-22 ta' Ottubru 2013.

Sabiex tħejji r-rapport, il-Kummissjoni talbet lill-istituzzjonijiet kollha jaġġornaw il-lista tar-regoli ta' implimentazzjoni stabbiliti għall-finijiet tar-rapport tal-2014-2016. L-ewwel nett, l-istituzzjonijiet intalbu jivverifikaw li l-informazzjoni pprovduta għar-rapport tal-2014-2016 kienet korretta u kompluta. It-tieni, l-istituzzjonijiet intalbu jaġġornaw il-lista biex tirrifletti d-deċiżjonijiet kollha tal-istituzzjonijiet li jimplimentaw ir-Regolamenti tal-Persunal u s-CEOS li kienu fis-seħħ matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2019.

Sussegwentement, il-Kummissjoni qabblet l-informazzjoni pprovduta mar-regoli rreġistrati fir-reġistru amministrat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

L-informazzjoni dwar l-aġenziji nġabret abbażi tal-informazzjoni li l-aġenziji ppreżentaw lis-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni għall-finijiet tar-rapport tal-2014-2016 u, matul il-perjodu 2017-2019, fil-qafas tal-proċedura prevista fl-Artikolu 110(2) tar-Regolamenti tal-Persunal[6]. L-informazzjoni li nġabret f'rekords komprensivi ġiet sussegwentement ivverifikata mis-servizzi tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq u, fejn meħtieġ, ġiet ivverifikata wkoll darbtejn mal-aġenziji individwali kkonċernati.

Dan l-eżerċizzju ta' ġbir tlesta fit-23 ta' Ġunju 2020.

3. L-ELEMENTI EWLENIN TAR-RAPPORT

Preżentazzjoni tar-regoli ta' implimentazzjoni

It-Titolu 1 jiddeskrivi l-mekkaniżmi biex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti tar-Regolamenti tal-Persunal, billi tingħata ħarsa ġenerali lejn it-tipi differenti ta' regoli li jistgħu jiġu adottati jew minn awtorità tal-ħatra għad-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal jew minn awtorità awtorizzata li tikkonkludi kuntratti ta' reklutaġġ għad-dħul fis-seħħ tas-CEOS.

Valutazzjoni kwantitattiva / Trasparenza

It-Titolu 2 jipprovdi inventarju eżawrjenti tar-regoli ta' implimentazzjoni kollha adottati mill-awtoritajiet tal-ħatra, u b'ħekk jagħti informazzjoni ċara u trasparenti tas-sitwazzjoni attwali fl-istituzzjonijiet u l-aġenziji kollha.

B'mod partikolari, bi ftehim mal-istituzzjonijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni ħejjiet tabelli li juru fid-dettall is-sitwazzjoni f'kull waħda mill-għaxar istituzzjonijiet matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2019. Abbażi ta' dawn it-tabelli, il-Kummissjoni stabbiliet tabella ġenerali li tagħti ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni fl-istituzzjonijiet.

Dawn it-tabelli jidentifikaw is-suġġetti li fuq il-bażi tagħhom l-awtoritajiet tal-ħatra rispettivi jew l-awtoritajiet awtorizzati li jikkonkludu kuntratti ta' reklutaġġ adottaw ir-regoli u sa liema punt l-awtoritajiet individwali għamlu użu minn din is-setgħa leġiżlattiva tagħhom.

[6] Għal aktar dettalji, ara t-Titolu II(b) ta' dan ir-rapport.

Tabella ġenerali oħra tagħti ħarsa ġenerali aggregata lejn ir-regoli applikabbli fl-aġenziji fil-31 ta' Diċembru 2019. Din turi l-mekkaniżmi attwali li għandhom impatt fuq kif ir-regoli li jimplimentaw ir-Regolamenti tal-Persunal jiġu adottati fl-aġenziji, u b'hekk il-governanza tal-HR fl-aġenziji titqiegħed fil-kuntest usa' tagħha. Fl-istess ħin, din tipprovdi ħarsa ġenerali lejn kif ix-xenarju eżistenti tar-regoli ta' implimentazzjoni evolva f'51 aġenzija u sa liema punt teżisti l-konverġenza tar-regoli.

Isiru osservazzjonijiet dwar il-bidliet ewlenin mill-aħħar perjodu ta' rapportar dwar in-numru u t-tip ta' regoli adottati fl-istituzzjonijiet u l-aġenziji.

Valutazzjoni kwalitattiva / Konformità

Ir-rapport jippreżenta kif l-awtoritajiet tal-ħatra jew l-awtoritajiet awtorizzati li jikkonkludu kuntratti ta' reklutaġġ ikkonformaw mal-qafas stabbilit mir-Regolamenti tal-Persunal u s-CEOS, b'attenzjoni partikolari għas-suġġetti fejn l-awtoritajiet għadhom (sa issa) ma għamlux użu mis-setgħa tagħhom li jadottaw ir-regoli.

Ir-rapport jeżamina wkoll l-oqsma fejn l-istituzzjonijiet u l-aġenziji jidhru li għadhom lura mill-qafas statutorju previst fir-Regolamenti tal-Persunal u s-CEOS, sa fejn huma kkonċernati l-osservazzjoni tar-rekwiżit li jiġu adottati regoli ta' implimentazzjoni u l-għażla tal-proċedura.

Barra minn hekk, ir-rapport iħares lejn il-bidliet ewlenin li seħħew meta mqabbla mal-perjodu ta' rapportar preċedenti, b'mod partikolari, fir-rigward tas-suġġetti l-ġodda koperti mir-regoli adottati u l-firxa ta' konverġenza bejn l-istituzzjonijiet dwar is-suġġett ta' tali regoli.

Fl-aħħar nett, ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn il-preżentazzjoni tar-regoli ta' implimentazzjoni fir-reġistru miżmum mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-i*status quo* tiegħu.

4. IL-PROSPETTI

Se jkun meħtieġ li l-Kummissjoni tressaq ir-rapport li jmiss fuq il-bażi tal-Artikolu 110(6) tar-Regolamenti tal-Persunal fi żmien tliet snin. Ir-rapport li jmiss se jkopri r-regoli ta' implimentazzjoni fis-seħħ matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2022.

Il-Kummissjoni lestiet dan ir-rapport fuq il-bażi ta' *data* disponibbli mill-istituzzjonijiet u l-aġenziji. Ir-responsabilità għall-kompletezza u l-eżattezza ta' din id-*data* hija f'idejn l-istituzzjoni jew l-aġenzija rispettiva.

Kontenut

TITOLU 1. IL-PREŻENTAZZJONI TAR-REGOLI TA' IMPLIMENTAZZJONI 5

a) Regoli adottati bi ftehim bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni ("Règles arrêtées d'un commun accord") 6

b) Dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni ("Dispositions générales d'exécution") 7

c) Regoli oħra ta' implimentazzjoni 9

TITOLU 2. VALUTAZZJONI KWANTITATTIVA / TRASPARENZA 11

a) Regoli ta' implimentazzjoni fl-istituzzjonijiet 11

b) Regoli ta' implimentazzjoni fl-aġenziji 13

TITOLU 3. VALUTAZZJONI KWALITATTIVA / KONFORMITÀ 18

a) Konformità mar-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra 18

b) Ir-reġistru amministrat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea 28

TITOLU 4. SOMMARJU 31

TITOLU 1. IL-PREŻENTAZZJONI TAR-REGOLI TA' IMPLIMENTAZZJONI

MEKKANIŻMI BIEX TIĠI ŻGURATA APPLIKAZZJONI KONSISTENTI TAR-REGOLAMENTI TAL-PERSUNAL

→ Liema sistema hija prevista mir-Regolamenti tal-Persunal fir-rigward tal-implimentazzjoni tagħhom?

→ Ir-Regolamenti tal-Persunal kif jiksbu applikazzjoni konsistenti tad-dispożizzjonijiet tagħhom?

Dan it-titolu jippreżenta t-tipi differenti ta' regoli li jimplimentaw ir-Regolamenti tal-Persunal skont it-tifsira tal-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Karatteristika ġenerali ta' dawn ir-regoli kollha hija li dawn ma jikkonċernawx lill-pubbliku ġenerali. Għalhekk, dawn mhumiex is-suġġett ta' pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Madankollu, sabiex ikunu jistgħu jiġu infurzati fil-konfront tal-persunal ikkonċernat, ir-regoli għandhom jinġiebu għall-attenzjoni tal-persunal skont l-Artikolu 110(4) tar-Regolamenti tal-Persunal.

Jenħtieġ li jiġi nnotat mill-bidu li l-qafas leġiżlattiv baqa' ma nbidilx minn meta ġie adottat ir-rapport tal-2014-2016. Peress li l-koleġiżlaturi ma introduċewx tipi ġodda ta' regoli ta' implimentazzjoni, dan ir-rapport se jsegwi l-istess struttura ta' preżentazzjoni bħar-rapport preċedenti. Fl-istess ħin, il-lista ta' regoli ppreżentati hawn taħt ġiet riveduta ftit meta mqabbla mal-ħarsa ġenerali pprovduta fir-rapport tal-2014-2016, wara eżerċizzju ta' verifika addizzjonali u sabiex tirrifletti l-ġurisprudenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Reviżjonijiet bħal dawn huma enfasizzati fil-listi ta' hawn taħt b'**tipa grassa**.

Ir-regoli li ġejjin jaqgħu fl-ambitu tar-rapport[7]:

a) Regoli adottati bi ftehim bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni ("Règles arrêtées d'un commun accord")

Ir-Regolamenti tal-Persunal u s-CEOS jipprevedu għall-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet, l-adozzjoni tar-regoli bi ftehim komuni bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni.[8]. Dan jikkonċerna s-suġġetti li ġejjin:

[7] Ir-rapport ma jinkludix l-atti delegati adottati fuq il-bażi tal-Artikoli 111 u 112 tar-Regolamenti tal-Persunal. Dawn l-atti jirriżultaw mill-eżerċizzju tal-Kummissjoni (jew mill-Kunsill, qabel ir-riforma tal-2014 tar-Regolamenti tal-Persunal) tas-setgħa speċifika tagħha li tistabbilixxi regoli li jkollhom effett ġenerali fuq il-membri kollha tal-persunal tal-UE. Ir-regoli ta' implimentazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal, min-naħa l-oħra, huma adottati minn istituzzjoni fuq il-bażi tas-setgħa tal-awtorità tal-ħatra tagħha u huma limitati għall-membri tal-persunal tal-istituzzjoni stess.

Regolamenti tal-Persunal	
Artikolu 9 + Anness II, Artikolu 2	Il-proċedura biex jiġi stabbilit il-Kumitat Konġunt komuni (COPARCO)
Artikolu 10(1)	Il-proċedura biex jinħatru membri tal-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal
Artikolu 37(b)	Regoli komuni dwar l-istabbiliment ta' lista ta' organizzazzjonijiet responsabbli għat-tkabbir tal-interessi tal-Unjoni
Artikolu 45(2)	L-abbiltà ta' ħidma fit-tielet lingwa qabel l-ewwel promozzjoni
Artikolu 57	Il-liv annwali
Artikolu 61	Lista ta' btajjel pubbliċi
Artikolu 72(1)	L-assigurazzjoni tal-mard
Artikolu 73(1)	L-assigurazzjoni kontra r-riskju ta' mard okkupazzjonali u ta' inċident
Artikolu 76a	L-għajnuna finanzjarja biex tiżdied il-pensjoni ta' konjuġi superstiti li għandhom marda serja jew fit-tul jew li għandhom diżabbiltà
Anness VII, Artikolu 17(2)	It-trasferiment regolari speċjali ta' parti mir-remunerazzjoni
Kundizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra	
Artikolu 28a(10)	Arranġamenti dettaljati għad-dispożizzjonijiet dwar li jingħata benefiċċju tal-qgħad lill-aġenti temporanji

b) Dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni ("Dispositions générales d'exécution")

Ir-Regolamenti tal-Persunal u s-CEOS jagħtu setgħat speċifiċi lill-awtorità tal-ħatra u lill-awtorità awtorizzata li tikkonkludi kuntratti ta' reklutaġġ, rispettivament, biex jadottaw dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni. Dan jikkonċerna s-suġġetti li ġejjin:[9]:

Regolamenti tal-Persunal	
Artikolu 27(2)	Miżuri xierqa wara l-osservazzjoni ta' żbilanċ sinifikanti bejn in-nazzjonalitajiet fost l-uffiċjali
Artikolu 32(2)	Il-klassifikazzjoni fil-pass mar-reklutaġġ

[8] Ir-Regolamenti tal-Persunal ma jiddefinixxux il-proċess għall-adozzjoni ta' regola bi ftehim bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Il-proċess li ġie żviluppat permezz ta' prattika interistituzzjonali huwa deskritt fid-dettall fir-rapport tal-2014-2016.

[9] Ir-rapport ma jkoprix is-setgħa prevista fl-Artikolu 2(3) tal-Anness "Dispożizzjonijiet tranżitorji applikabbli għall-persunal kopert mill-Kundizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra". Din id-dispożizzjoni ma tirreferix għall-perjodu kopert mir-rapport.

Artikolu 42a	Il-liv tal-ġenituri, ġenitur waħdu
Artikolu 43	Ir-rapport annwali dwar l-abbiltà, l-effiċjenza u l-kondotta fis-servizz
Artikolu 45a(5)	Il-ħatra ta' uffiċjal AST għal grad AD
Artikolu 72(1)	Ir-rimborż ta' spejjeż mediċi
Anness VII, Artikolu 3(1)	Allowance għall-edukazzjoni
Anness VII, Artikolu 9(1)	L-ispejjeż tal-ġarr
Anness VII, Artikolu 13a	L-ispejjeż ta' missjonijiet
Anness VIII, Artikolu 11(2)	It-trasferiment IN tal-pensjoni
Anness IX, Artikolu 2(3)	L-inkjesti amministrattivi
Anness X, Artikolu 3[10]	L-applikazzjoni eċċezzjonali tal-Anness X għal uffiċjali assenjati mill-ġdid temporanjament fil-Kwartieri Ġenerali
Kundizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra	
Artikolu 12(1)	Miżuri xierqa wara l-osservazzjoni ta' żbilanċ sinifikanti bejn in-nazzjonalitajiet fost l-uffiċjali temporanji
Artikolu 12(5)	Il-proċeduri għal reklutaġġ ta' persunal temporanju
Artikolu 54	Ir-riklassifikazzjoni ta' persunal temporanju skont l-Artikolu 2(f)
Artikolu 56	Ir-reklutaġġ u l-użu ta' persunal temporanju skont l-Artikolu 2(f)
Artikolu 79	L-użu ta' persunal kuntrattwali
Artikolu 82(6)	Ir-reklutaġġ ta' persunal kuntrattwali
Artikolu 86(1)	Il-gradazzjoni ta' persunal kuntrattwali

Għall-kuntrarju tal-każ ta' regoli adottati bi ftehim bejn l-istituzzjonijiet, il-kontenut ta' dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni jiġi determinat minn kull istituzzjoni[11] skont il-prinċipju ta' awtonomija ta' kull istituzzjoni bħala impjegatur, kif stabbilit fl-Artikolu 13(2)

[10] Ta' min wieħed jinnota li fis-Sentenza tagħha tas-26 ta' Frar 2020 fil-Kawża C-427/18 P, *EEAS / Alba Aguilera et al.*, il-Qorti tal-Ġustizzja sabet li l-Artikolu 1(3) tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal ma fihx obbligu għall-awtorità tal-ħatra li tadotta dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni għall-Anness X kollu kemm hu. Minflok, il-Qorti sabet li d-dispożizzjoni sempliċement tippreskrivi l-proċedura li trid tissegwa fil-każ li l-awtorità tal-ħatra tiddeċiedi li tadotta dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni għall-Anness X (ara l-punti 77 u 83 tas-Sentenza). Għalhekk, l-Artikolu 1(3) tal-Anness X ma għadux elenkat hawn.

[11] Madankollu, fil-qasam ta' rimborż ta' spejjeż mediċi fil-qafas tar-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard, fuq il-bażi tar-Regoli Konġunti dwar l-assigurazzjoni kontra r-riskju tal-mard għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni adottat dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni b'effett għall-membri tal-persunal fl-istituzzjonijiet u l-aġenziji kollha.

tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 298 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.[12].

Id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni jiġu adottati mill-awtorità kompetenti ta' kull istituzzjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Persunal u mal-Kumitat dwar ir-Regolamenti tal-Persunal, skont l-Artikolu 110(1) tar-Regolamenti tal-Persunal u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 141 tas-CEOS[13]. L-Artikolu 142 tas-CEOS jistipula li d-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni, imsemmija fl-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal, japplikaw għall-ħaddiema koperti mis-CEOS, fejn bis-saħħa tas-CEOS, id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal japplikaw għal dawk il-ħaddiema.

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-espressjoni "dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni" fl-Artikolu 110(1) tar-Regolamenti tal-Persunal tirreferi, l-ewwel u qabel kollox, għal dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni previsti espressament minn ċerti dispożizzjonijiet speċjali tar-Regolamenti tal-Persunal. Madankollu, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jista' jinħoloq ukoll l-obbligu li jiġu adottati regoli ta' implimentazzjoni soġġetti għar-rekwiżiti proċedurali tal-Artikolu 110(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, meta r-Regolamenti tal-Persunal ma jistipulawx espressament għall-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni. Skont il-Qorti, dan jista' jkun il-każ b'mod partikolari "*meta d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal tant ma jkunux ċari u preċiżi li jkunu jistgħu jiġu applikati b'mod arbitrarju.*"[14]

c) Regoli oħra ta' implimentazzjoni

Ir-Regolamenti tal-Persunal u s-CEOS jipprevedu wkoll espressament l-għoti ta' setgħat lill-awtorità tal-ħatra ta' kull istituzzjoni u lill-awtorità awtorizzata li tikkonkludi kuntratti ta' reklutaġġ ta' kull istituzzjoni, rispettivament[15], biex jadottaw regoli oħra ta' implimentazzjoni, mingħajr ma jispeċifikaw aktar il-proċedura għall-adozzjoni.

Regoli oħra ta' implimentazzjoni huma previsti espressament dwar is-suġġetti li ġejjin:

Regolamenti tal-Persunal	
Artikolu 2	Id-determinazzjoni tas-setgħat ta' awtorità tal-ħatra

[12] Dan il-prinċipju ta' awtonomija ta' kull istituzzjoni bħala impjegatur ġie kkonfermat mill-ġurisprudenza, ara s-sentenzi tal-5 ta' Lulju 2011, *V/ il-Parlament Ewropew*, F-46/09, il-punt 135 u tat-28 ta' April 2017, *Azoulay et al. / il-Parlament Ewropew*, T-580/16, il-punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[13] Ħarsa ġenerali dettaljata lejn il-proċess għall-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni hija pprovduta fir-rapport tal-2014-2016.

[14] Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Frar 2020 fil-Kawża C-427/18 P, *SEAE / Alba Aguilera et al.*, il-punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[15] F'okkażjoni waħda (fir-rigward ta' uffiċjali tal-Kummissjoni li jaħdmu f'delegazzjoni tal-Unjoni u uffiċjali tas-SEAE li jwettqu kompiti għall-Kummissjoni bħala parti mid-doveri tagħhom), l-Artikolu 96 tar-Regolamenti tal-Persunal jipprevedi setgħa konġunta mill-Kummissjoni u s-SEAE.

Artikolu 5 (4)	Id-definizzjoni ta’ tipi ta’ pożizzjonijiet
Artikolu 9 (2)	Il-kompożizzjoni u l-proċeduri ta’ korpi (kumitati)
Artikolu 22c	L-iżvelar ta’ informazzjoni protetta
Artikolu 51(1)	Il-proċedura għall-indirizzar ta’ inkompetenza
Artikolu 55(3)	Ix-xogħol standby
Artikolu 55(4)	L-arranġamenti ta' ħinijiet flessibbli tax-xogħol
Artikolu 55a + Anness IVa, Artikolu 5	Ix-xogħol part-time
Artikolu 55b	Il-kondiviżjoni ta’ xogħol
Artikolu 56 + Anness VI, Artikolu 3	Is-sahra
Artikolu 96	L-uffiċjali tal-Kummissjoni li jaħdmu f’delegazzjoni tal-Unjoni u uffiċjali tas-SEAE li jwettqu kompiti għall-Kummissjoni bħala parti mid-doveri tagħhom
Anness VII, Artikolu 13(2)(b)	L-iskala għall-missjonijiet f’pajjiżi terzi
Anness VII, Artikolu 14(2)	**Benefiċċju għad-divertiment**
Anness IX, Artikolu 30	Il-proċedimenti dixxiplinari
Anness X, Artikolu 2	It-trasferiment ta’ uffiċjali li jservu f’pajjiżi terzi
Anness X, Artikolu 5(2)	L-akkomodazzjoni għal uffiċjali li jservu f’pajjiżi terzi
Anness X, Artikolu 10(3)	Benefiċċju għall-kundizzjonijiet tal-għajxien
Anness X, Artikolu 23	Ir-rimborż tal-kera għall-uffiċjali li jservu f’pajjiżi terzi
Anness XIII, Artikolu 30(3)	L-assenjar ta’ uffiċjali li jkollhom responsabbiltajiet speċjali ta’ “Kap ta’ Unità jew ekwivalenti” jew “Konsulent jew ekwivalenti” qabel il-31 ta’ Diċembru 2015
Kundizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra	
Artikolu 28a(2)	**Dispożizzjonijiet dwar l-għoti ta’ benefiċċju għall-qgħad lill-aġenti temporanji**
Artikolu 42	**Kundizzjonijiet għall-pagamenti li jikkostitwixxu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-oriġini**
Artikolu 96(2)	**Benefiċċju tal-qgħad lill-persunal kuntrattwali**
Artikolu 112	**Kundizzjonijiet għall-pagamenti għad-drittijiet tal-pensjoni, il-qgħad, l-invaliditá, l-assigurazzjoni tal-ħajja u tal-mard fil-pajjiż tal-aħħar kopertura**
Artikolu 125(1)	Assistenti parlamentari

Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet adottaw regoli ta' implimentazzjoni anke f'każijiet mhux espressament previsti fir-Regolamenti tal-Persunal u s-CEOS, meta kien hemm bżonn li jiġu implimentati dispożizzjonijiet statutorji permezz ta' regoli aktar speċifiċi. Il-proċess tal-adozzjoni għal dawn ir-regoli ta' implimentazzjoni oħrajn jiddependi fuq il-prattika amministrattiva tal-istituzzjoni kkonċernata.

MEKKANIŻMI BIEX TIĠI ŻGURATA APPLIKAZZJONI KONSISTENTI TAR-REGOLAMENTI TAL-PERSUNAL

→ L-istituzzjonijiet igawdu awtonomija fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal u tas-CEOS għall-membri tal-persunal tagħhom. Din l-awtonomija tiġi eżerċitata fil-qafas legali, kif previst mir-Regolamenti tal-Persunal.

→ Ir-Regolamenti tal-Persunal jipprevedu mekkaniżmi speċifiċi biex jinkiseb approċċ interistituzzjonali komuni kull meta s-suġġett jitlob tali armonizzazzjoni.

TITOLU 2. VALUTAZZJONI KWANTITATTIVA / TRASPARENZA

TRASPARENZA

→ Liema regoli kienu fis-seħħ fil-perjodu rilevanti u għal liema suġġetti fl-istituzzjonijiet u fl-aġenziji?

→ X'kienu l-bidliet ewlenin meta mqabbla mal-perjodu ta' rapportar preċedenti f'termini tan-numru u t-tip ta' regoli adottati ġodda?

a) Regoli ta' implimentazzjoni fl-istituzzjonijiet

F'konformità mal-Artikolu 13 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 1, 1a u 1b tar-Regolamenti tal-Persunal, l-għaxar istituzzjonijiet li ġejjin huma kkonċernati minn dan ir-rapport[16]:

- Il-Parlament Ewropew (PE),
- Il-Kunsill (K),
- Il-Kummissjoni Ewropea (COM),
- Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠ),
- Il-Qorti tal-Awdituri (QEA),
- Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE),
- Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE),
- Il-Kumitat tar-Reġjuni (KtR),
- L-Ombudsman Ewropew (EO), u
- Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPS).

Għall-finijiet li jiġi stabbilit dan ir-rapport, id-disa' istituzzjonijiet l-oħra bagħtu informazzjoni dwar ir-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom lill-Kummissjoni. B'mod parallel, il-Kummissjoni kkonsultat ir-reġistru amministrat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Abbażi ta' dan il-kontribut u bi ftehim mal-istituzzjonijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni ħejjiet tabelli li juru fid-dettall ir-regoli fis-seħħ matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2019 f'kull waħda mill-għaxar istituzzjonijiet kif ġej:

- Lista tar-regoli adottati bi ftehim bejn l-istituzzjonijiet (**Anness I**);

[16] Skont l-Artikolu 36.1 tal-Protokoll (Nru 4) dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, membri tal-persunal tal-Bank Ċentrali Ewropew huma soġġetti għall-kundizzjoni ta' impjieg tal-persunal tal-BĊE.

- Tabelli li jelenkaw id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni u regoli oħra ta' implimentazzjoni adottati minn kull awtorità tal-ħatra tal-istituzzjoni jew l-awtorità awtorizzata li tikkonkludi kuntratti ta' reklutaġġ (**Anness II**);
- Tabella ġenerali li tagħti sommarju komparattiv tar-regoli li jimplimentaw ir-Regolamenti tal-Persunal u s-CEOS fl-istituzzjonijiet kollha (**Anness III**).

It-tabelli jużaw metodoloġija komuni:

- Dawn jelenkaw regoli ta' implimentazzjoni li ilhom fis-seħħ, għall-inqas parzjalment, matul il-perjodu kopert mir-rapport (mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2019);
- Dawn jgħaqqdu r-regoli ta' implimentazzjoni skont suġġetti differenti, skont l-istruttura tar-Regolamenti tal-Persunal u s-CEOS;
- Dawn jidentifikaw ir-regoli ta' implimentazzjoni skont in-numru ta' referenza, id-data tad-dħul fis-seħħ[17] u, jekk ikun applikabbli, id-data ta' skadenza.

Ġie applikat il-metodu ta' għadd li ġej:

- Ir-regoli ta' implimentazzjoni ġew ikkalkulati abbażi tal-listi għal kull istituzzjoni;
- Regola ta' implementazzjoni ġiet ikkalkulata darba, anki jekk kienet tkopri aktar minn suġġett wieħed[18];
- Regola li temenda regola li diġà teżisti ma ġietx magħduda separatament;
- Jekk regola ta' implementazzjoni tkun ġiet issostitwita matul il-perjodu kopert mir-rapport, ġiet magħduda regola ta' implimentazzjoni waħda biss[19].

Iż-żewġ tabelli li ġejjin jagħtu ħarsa ġenerali kwantitattiva lejn l-għadd ta' regoli ta' implimentazzjoni adottati mill-istituzzjonijiet matul l-ewwel żewġ perjodi ta' rapportar (2014-2016 u 2017-2019).

GĦADD TA' REGOLI TA' IMPLIMENTAZZJONI FIS-SEĦĦ ADOTTATI MILL-ISTITUZZJONIJIET matul l-ewwel perjodu ta' rapportar 2014-2016[20]

	Regoli adottati bi ftehim	Dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni	Regoli oħra ta' implimentazzjoni	Total
PE	10	19	38	**67**

[17] Innota li f'każijiet fejn id-data tad-dħul fis-seħħ ma kinitx faċilment identifikabbli, minflok tiġi ppreżentata d-data tal-adozzjoni tar-regola.

[18] Saret eċċezzjoni fil-każ ta' "deċiżjonijiet omnibus" adottati mis-SEAE, jiġifieri deċiżjonijiet ġenerali li jadottaw, *en bloc* u permezz ta' analoġija, diversi deċiżjonijiet speċjali ta' istituzzjonijiet oħra. F'dan il-każ, ġie kkalkulat in-numru rispettiv ta' deċiżjonijiet speċjali.

[19] Madankollu, meta regola ġenerali ta' implimentazzjoni tkun ġiet issostitwita minn tip differenti ta' regola ta' implimentazzjoni (jew viċi versa), ġew magħduda żewġ regoli ta' implimentazzjoni (waħda għal kull kategorija ta' regoli).

[20] Din it-tabella hija derivata mit-tabella tar-rapport tal-2014-2016. In-numri tal-ewwel rapport ġew ikkoreġuti ftit. Dan huwa dovut għall-fatt li l-biċċa l-kbira tal-istituzzjonijiet identifikaw għadd ta' regoli li kienu ġew eskluži b'mod involontarju mir-rapport tal-2014-2016 u li kienu fis-seħħ fil-perjodu ta' rapportar attwali. It-tabella attwali ġiet aġġornata biex tirrifletti wkoll dawn il-korrezzjonijiet.

C	10	15	36	**61**
COM	10	24	61	**95**
QtĠ	10	11	19	**40**
QEA	10	10	38	**58**
SEAE	10	23	39	**72**
KESE	10	12	37	**59**
KtR	10	15	30	**55**
EO	10	15	12	**37**
EDPS	10	16	21	**47**

Total	**100**	**160**	**331**	**591**

NUMRU TA' REGOLI TA' IMPLIMENTAZZJONI ADOTTATI MILL-ISTITUZZJONIJIET FIS-SEĦĦ matul it-tieni perjodu ta' rapportar 2017-2019

	Regoli adottati bi ftehim	**Dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni**	**Regoli oħra ta' implimentazzjoni**	**Total**
PE	10	17	45	**72**
C	10	15	37	**62**
COM	10	24	62	**86**
QtĠ	10	11	39	**60**
QEA	10	10	32	**52**
SEAE	10	24	46	**80**
KESE	10	12	44	**66**
KtR	10	16	34	**60**
EO	10	17	14	**41**
EDPS	10	16	25	**51**

Total	**100**	**162**	**378**	**630**

Tqabbil taż-żewġ tabelli juri li ma kienx hemm bidla sostanzjali bejn l-ewwel u t-tieni perjodu ta' rapportar. L-għadd ġenerali ta' regoli ta' implimentazzjoni baqa' relattivament stabbli fl-istituzzjonijiet.

b) Regoli ta' implimentazzjoni fl-aġenziji

Dan ir-rapport jinkludi wkoll ir-regoli ta' implimentazzjoni adottati mill-aġenziji, li kienu fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2019. Dan jikkonċerna l-51 aġenzija[21] li ġejjin fis-sens tal-Artikolu 1a(2) tar-Regolamenti tal-Persunal:

- 6 aġenziji eżekuttivi,
- 36 aġenzija deċentralizzata u korpi tal-Unjoni, u
- 9 impriżi konġunti[22].

[21] Dan jinkludi wkoll l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew stabbilit f'Ottubru 2017. Madankollu, peress li l-Kulleġġ tiegħu kien għadu ma ġiex stabbilit matul il-perjodu ta' rapportar, il-Kummissjoni sa issa nnotifikat ir-regoli ta' implimentazzjoni tagħha lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew fuq bażi provviżorja biss. Il-Kummissjoni se tinnotifika formalment ir-regoli interni tagħha ladarba jiġi stabbilit il-Kulleġġ.

L-Artikolu 110(1) tar-Regolamenti tal-Persunal fil-verżjoni tiegħu qabel id-dħul fis-seħħ tar-riforma tal-2014 kien jistipula li l-aġenziji għandhom jadottaw ir-regoli xierqa ta' implimentazzjoni biex idaħħlu fis-seħħ ir-Regolamenti tal-Persunal, wara konsultazzjoni tal-Kumitat tal-Persunal rilevanti u bi ftehim mal-Kummissjoni.

Ir-riforma tal-2014 tar-Regolamenti tal-Persunal stabbiliet qafas ġdid biex jiġu adottati r-regoli ta' implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal mill-aġenziji.[23]. Il-prinċipju ġenerali introdott mill-Artikolu 110(2) tar-Regolamenti tal-Persunal huwa li r-regoli ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni japplikaw b'analoġija għall-aġenziji. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tinforma lill-aġenziji bi kwalunkwe regola ta' implimentazzjoni minnufih wara l-adozzjoni. Ir-regola tidħol fis-seħħ fl-aġenzija disa' xhur wara tali notifika jew disa' xhur wara d-dħul fis-seħħ tagħha fil-Kummissjoni, skont liema jiġi l-aħħar.

Il-Kummissjoni ma kinitx obbligata tinforma lill-aġenziji dwar ir-regoli ta' implimentazzjoni tagħha, li kienu daħlu fis-seħħ qabel ir-riforma tal-2014 tar-Regolamenti tal-Persunal. Il-prinċipju ta' analoġija japplika biss fir-rigward tar-regoli ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li l-Kummissjoni għarrfet lill-aġenziji dwarhom.

B'deroga għall-prinċipju ta' analoġija, wara li tkun ikkonsultat lill-Kumitat tal-Persunal tagħha u wara li tkun irċeviet il-kunsens tal-Kummissjoni[24], aġenzija tista' tiddeċiedi li tadotta deċiżjonijiet individwali billi:

- ma tapplikax ċerti regoli tal-Kummissjoni (esklużjoni fakultattiva);
- tadotta regoli li huma differenti minn dawk tal-Kummissjoni;
- tadotta regoli dwar suġġetti oħra minbarra dawk koperti mir-regoli adottati mill-Kummissjoni.

Fid-dawl tal-prinċipju tal-awtonomija istituzzjonali, l-aġenziji għalhekk jistgħu jitbiegħdu mill-approċċ tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal u tas-CEOS, filwaqt li jibqgħu marbuta li jirrispettaw il-qafas stabbilit minn dawn l-atti.

Għall-finijiet ta' simplifikazzjoni, effiċjenza amministrattiva u armonizzazzjoni tar-regoli u tal-prattiki fl-aġenziji, il-Kummissjoni żviluppat ukoll mekkaniżmu, li jippermettilha tagħti lill-aġenziji ftehim *ex ante* orizzontali għal deċiżjonijiet individwali mingħajr ma l-aġenziji jissottomettu talba formali. Dan il-mekkaniżmu japplika biss bil-kundizzjoni li l-aġenzija kkonċernata ssegwi deċiżjoni mudell uniformi proposta mill-Kummissjoni.

---

[22] Lista sħiħa tal-aġenziji eżekuttivi, l-impriżi konġunti, l-aġenziji deċentralizzati u l-korpi tal-Unjoni hija pprovduta fl-Anness IV ta' dan ir-rapport.

[23] Għal aktar informazzjoni, ara l-Komunikazzjoni C(2014) 6543 final tas-26 ta' Settembru 2014 mill-Viċi President Šefčovič lill-Kummissjoni dwar il-linji gwida tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 110(2) tar-Regolamenti tal-Persunal rigward ir-regoli ta' implimentazzjoni applikabbli fl-aġenziji, u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 7229 final tat-8 ta' Ottubru 2014 dwar l-eżerċizzju ta' ċerti setgħat fir-rigward tal-ftehim li għandu jingħata mill-Kummissjoni lill-aġenziji qabel l-adozzjoni tar-regoli ta' implimentazzjoni, li jdaħħlu fis-seħħ ir-Regolamenti tal-Persunal skont l-Artikolu 110(2) tiegħu.

[24] Il-ftehim tal-Kummissjoni jeħtieġ li jintalab qabel ma jiskadi l-perjodu ta' disa' xhur imsemmi hawn fuq.

Fuq il-bażi tal-informazzjoni li s-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni jiġbru mill-aġenziji, il-Kummissjoni ħejjiet tabella ġenerali li żżid iċ-ċifri mill-ewwel perjodu ta' rapportar 2014-2016 man-numru ta' regoli adottati fit-tieni perjodu ta' rapportar 2017-2019, b'hekk jiġi pprovdut sommarju tan-numru u t-tipi ta' regoli ta' implimentazzjoni li kienu applikabbli fl-aġenziji fil-31 ta' Diċembru 2019.

Din it-tabella ġenerali hija ppreżentata bħala **Anness IV** ta' dan ir-rapport.

Hija tuża l-metodoloġija li ġejja:

- Din tikkonċerna r-regoli ta' implimentazzjoni tal-aġenziji li kienu fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2019;
- Din issegwi l-istruttura tar-Regolamenti tal-Persunal u tas-CEOS, sabiex tgħin fl-identifikazzjoni tad-diversi suġġetti fejn l-aġenziji adottaw regoli ta' implimentazzjoni;
- Fir-rigward ta' kull suġġett, it-tabella tiddistingwi bejn xenarji differenti skont liema l-aġenziji adottaw ir-regoli tagħhom.

B'mod partikolari, din it-tabella turi kif il-mekkaniżmi introdotti fl-2014 ħadmu fil-prattika.

EFFETTI TA' MEKKANIŻMI INTRODOTTI MILL-2014

	Il-perjodu 2014-2016	**Total fil-31 ta' Diċembru 2019**
Regoli ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni adottati wara r-riforma tal-2014 u notifikati lill-aġenziji	23	29
Regoli ta' implimentazzjoni fl-aġenziji li japplikaw b'analoġija wara r-riforma tal-2014 (l-Artikolu 110(2) SR)	593	749
Derogi wara l-2014 (regoli proprji differenti mill-ftehim *ex ante* tal-Kummissjoni u/jew mir-regoli ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni notifikati lill-aġenziji skont l-Artikolu 110(2) SR)	35	4
Ftehimiet *ex ante* orizzontali tal-Kummissjoni	14	21
Regoli ta' implimentazzjoni adottati mill-aġenziji fuq il-bażi ta' ftehim *ex ante* orizzontali	284	689

Tqabbil taż-żewġ kolonni juri li l-mekkaniżmi introdotti bir-riforma tal-2014 bil-għan li jiżguraw applikazzjoni konsistenti tar-regoli tal-persunal fl-aġenziji kollha għadhom jintużaw b'mod wiesa' u wrew li huma effiċjenti ħafna b'mod ġenerali. Kien hemm żieda sinifikanti fin-numru ta' regoli ta' implimentazzjoni adottati mill-aġenziji abbażi ta' ftehimiet *ex ante* orizzontali tal-Kummissjoni. L-applikazzjoni "b'analoġija" tar-regoli ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni żdiedet ukoll. B'kuntrast ma' dan, in-numru ta' derogi, jiġifieri r-regoli proprji tal-aġenziji li huma differenti mill-ftehimiet *ex ante* orizzontali tal-Kummissjoni u/jew

mir-regoli ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni notifikati lill-aġenziji skont l-Artikolu 110(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, naqas b'mod sinifikanti.

Madankollu, jenħtieġ li jiġi nnotat li n-numru ta' aġenziji żdied bi ftit minn 48 għal 51 bejn iż-żewġ perjodi ta' rapportar (filwaqt li n-numru tal-istituzzjonijiet ma nbidilx).

Valutazzjoni aktar dettaljata dwar kif l-aġenziji applikaw fil-prattika r-regoli ta' implimentazzjoni f'sitwazzjonijiet individwali ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-rapport. Ir-rapport speċjali ppubblikat reċentement tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar "*Il-futur tal-aġenziji tal-UE – Potenzjal għal aktar flessibbiltà u kooperazzjoni*"[25], filwaqt li jara lok għal titjib fir-rigward tal-istruttura ta' governanza ġenerali f'xi aġenziji, ma indirizzax speċifikament din il-kwistjoni dwar kif l-aġenziji japplikaw ir-regoli tar-riżorsi umani.

Wara r-rapport speċjali tal-Qorti tal-Awdituri, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni tistudja r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u tasal għal konklużjonijiet fir-rigward, fost l-oħrajn, l-assistenza/l-appoġġ tal-aġenziji tal-Unjoni fl-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħhom, mingħajr, madankollu, ma tirreferi speċifikament għal kwistjonijiet li jaqgħu taħt ir-Regolamenti tal-Persunal jew is-CEOS.

F'dan ir-rigward, dan ir-rapport juri b'mod ċar li l-mekkaniżmi installati mill-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal (jiġifieri l-applikazzjoni tar-regoli tal-Kummissjoni b'analoġija, l-armonizzazzjoni ta' derogi permezz ta' deċiżjonijiet mudell, valutazzjoni fil-fond ta' derogi individwali) joperaw bħala filtri biex tiġi żgurata l-konsistenza tar-regoli qabel l-adozzjoni tagħhom, u b'hekk jiġu armonizzati d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni fl-aġenziji kollha.

Minkejja dan, filwaqt li dan ir-rapport jikkonċerna l-adozzjoni tar-regoli u mhux l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni attwali ta' dawk ir-regoli mill-istituzzjonijiet u l-aġenziji, li joperaw fl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-awtonomija istituzzjonali, l-istituzzjonijiet jistgħu jirriflettu dwar kif il-mekkaniżmi eżistenti jistgħu jiġu sfruttati sabiex tkompli tissaħħaħ implimentazzjoni koerenti tar-regoli u l-iskambju tal-aħjar prattiki, b'mod partikolari bl-użu ta' diversi għodod ta' kooperazzjoni stabbiliti mill-istituzzjonijiet b'mod ġenerali u mill-Kummissjoni u n-Network tal-Aġenziji tal-UE b'mod partikolari.

TRASPARENZA

→ Ir-rapport jipprovdi inventarju eżawrjenti tat-tipi differenti ta' regoli ta' implimentazzjoni fl-istituzzjonijiet u l-aġenziji fis-seħħ matul il-perjodu rilevanti. L-użu ta' metodoloġija komuni jippermetti approċċ komparattiv bejn l-istituzzjonijiet, u b'hekk tiżdied it-trasparenza.

[25] Disponibbli fuq: https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR20_22/SR_Future_of_EU_Agencies_MT.pdf (aċċessat l-aħħar fid-9.12.2020).

→ Ir-rapport juri li l-għadd ġenerali ta' regoli ta' implimentazzjoni baqa' relattivament stabbli fl-istituzzjonijiet mill-aħħar perjodu ta' rapportar.

→ Ir-rapport juri li l-mekkaniżmi introdotti bir-riforma tal-2014 bil-għan li jiżguraw applikazzjoni konsistenti tar-regoli tal-persunal fl-aġenziji kollha għadhom jintużaw b'mod wiesa', b'żieda notevoli fir-regoli adottati mill-aġenziji abbażi tal-ftehimiet ex ante orizzontali tal-Kummissjoni. Minkejja dan, l-istituzzjonijiet u l-aġenziji jistgħu jirriflettu dwar kif il-mekkaniżmi eżistenti jistgħu jiġu sfruttati sabiex tkompli tissaħħaħ implimentazzjoni koerenti tar-regoli.

TITOLU 3. VALUTAZZJONI KWALITATTIVA / KONFORMITÀ

KONFORMITÀ

→ L-istituzzjonijiet ikkonformaw mal-qafas tar-Regolamenti tal-Persunal u s-CEOS?

→ Kien hemm aktar konverġenza fost l-istituzzjonijiet dwar is-suġġetti koperti mir-regoli ta' implimentazzjoni adottati minnhom?

→ X'inhi s-sitwazzjoni attwali tar-reġistru miżmum mill-Qorti tal-Ġustizzja?

a) Konformità mar-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra

F'dan li ġej, ir-rapport jeżamina sa liema punt l-awtoritajiet tal-ħatra u l-awtoritajiet awtorizzati li jikkonkludu kuntratti ta' reklutaġġ tal-istituzzjonijiet, sal-lum, użaw is-setgħat speċifiċi mogħtija fir-Regolamenti tal-Persunal u s-CEOS, rispettivament, biex jadottaw regoli ta' implimentazzjoni (murija hawn taħt f'listi fi ħdan qafas). Tingħata attenzjoni partikolari lis-suġġetti, meta l-awtoritajiet (ikunu għadhom) ma għamlux użu mis-setgħa tagħhom li jadottaw ir-regoli.

Barra minn hekk, ir-rapport jelenka l-kwistjonijiet fejn l-istituzzjonijiet adottaw regoli ta' implimentazzjoni mhux espressament previsti mir-Regolamenti tal-Persunal u s-CEOS (murija hawn taħt f'listi f'qafas perforat).

Fil-listi msemmija hawn fuq, ir-rapport jeżamina wkoll l-oqsma fejn l-istituzzjonijiet u l-aġenziji jidhru li għadhom lura mill-qafas statutorju previst fir-Regolamenti tal-Persunal u s-CEOS, sa fejn huma kkonċernati l-osservazzjoni tar-rekwiżit li jiġu adottati regoli ta' implimentazzjoni u l-għażla tal-proċedura. Din hija l-għażla bejn ir-regoli bi ftehim bejn l-istituzzjonijiet, id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni, u regoli oħra ta' implimentazzjoni. Dawn ir-rimarki ġew enfasizzati b'**tipa grassa** fil-listi.

Fl-aħħar nett, din it-taqsima tar-rapport tħares lejn fejn kienet l-enfasi tal-attività regolatorja matul il-perjodu ta' rapportar 2017-2019 sa fejn huma kkonċernati s-suġġetti tar-regoli ta' implimentazzjoni.

Regolamenti tal-Persunal

Titolu I – Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 2 — L-eżerċizzju tas-setgħa tal-awtorità tal-ħatra

Disa' istituzzjonijiet[26] użaw is-setgħat biex jadottaw regoli ta' implimentazzjoni dwar l-eżerċizzju tas-setgħa tal-awtorità tal-ħatra. Xi istituzzjonijiet għamlu użu mill-possibbiltà li jafdaw din is-setgħa lil istituzzjoni oħra jew lil korp interistituzzjonali.

Artikolu 5(4) — Id-definizzjoni tad-dmirijiet u s-setgħat marbuta ma' kull tip ta' pożizzjoni

L-istituzzjonijiet kollha għamlu użu mill-possibbiltà mogħtija mir-Regolamenti tal-Persunal biex jiddefinixxu f'aktar dettall id-dmirijiet u s-setgħat li huma marbuta ma' kull tip ta' pożizzjoni.

Artikolu 9 + Anness II, Artikolu 2 – Il-proċedura biex jiġi stabbilit il-Kumitat Konġunt komuni (COPARCO)

L-istituzzjonijiet kollha adottaw regola bi ftehim dwar il-proċeduri biex jiġi stabbilit il-Kumitat Konġunt komuni.

Artikolu 9(2) – Il-kompożizzjoni u l-proċeduri tal-korpi (kumitati)

Seba' istituzzjonijiet[27] użaw is-setgħa biex jiddeterminaw il-kompożizzjoni u l-proċedura tal-korpi.

Artikolu 10 – Il-proċedura biex jinħatru membri tal-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal

L-istituzzjonijiet kollha adottaw regola bi ftehim dwar il-proċedura biex jinħatru membri tal-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal.

Anness XIII, Artikolu 30(3) - L-assenjar ta' uffiċjali li jkollhom responsabbiltajiet speċjali ta' "Kap ta' Unità jew ekwivalenti" jew "Konsulent jew ekwivalenti" qabel il-31 ta' Diċembru 2015

Sitt istituzzjonijiet[28] stabbilew dispożizzjonijiet fil-forma ta' regoli oħra ta' implimentazzjoni li jidderogaw mill-Artikolu 30(2) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal dwar il-ħatra ta' uffiċjali fil-gradi minn AD 9 sa AD 14 li jkollhom responsabbiltajiet speċjali għat-tip ta' pożizzjoni ta' "Kap ta' Unità jew ekwivalenti" jew "Konsulent jew ekwivalenti" qabel il-31 ta' Diċembru 2015.

Għalkemm mhumiex espressament meħtieġa mir-Regolamenti tal-Persunal, xi istituzzjonijiet adottaw ukoll regoli ta' implimentazzjoni dwar il-kwistjonijiet li ġejjin indirizzati fit-Titolu I tar-Regolamenti tal-Persunal: l-opportunitajiet indaqs, id-diżabbiltà, il-miżuri ta' natura soċjali, is-saħħa u l-istandards tas-sikurezza u t-trasferiment.

Is-suġġetti li ġew miżjuda minn xi istituzzjonijiet fil-perjodu 2017-2019 kienu jikkonċernaw, b'mod partikolari s-saħħa u s-sikurezza, it-tipi ta' pożizzjonijiet u t-titoli tal-pożizzjonijiet, il-kumitati, u t-trasferiment.

Titolu II – Id-drittijiet u l-obbligi tal-uffiċjali

[26] Kollha ħlief l-EDPS.
[27] Il-PE, il-COM, il-QEA, is-SEAE, il-KESE, il-KtR, l-EDPS.
[28] Il-Kunsill, il-COM, il-QtĠ, il-QEA, il-KESE, l-EO.

Artikolu 22c – Ir-regoli interni dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta

L-istituzzjonijiet kollha adottaw regoli interni dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta.

Xi istituzzjonijiet adottaw ukoll regoli ta' implimentazzjoni dwar il-kwistjonijiet li ġejjin indirizzati fit-Titolu II tar-Regolamenti tal-Persunal: l-etika u l-integrità, il-prevenzjoni tal-fastidju, l-attivitajiet esterni, ir-responsabbiltà finanzjarja u t-taħriġ.

Is-suġġetti miżjuda minn xi istituzzjonijiet fil-perjodu 2017-2019 kienu jikkonċernaw, b'mod partikolari l-etika u l-integrità, il-prevenzjoni tal-fastidju, u t-taħriġ.

Titolu III – Karriera tal-uffiċjali

Artikolu 27(2) – Miżuri xierqa wara l-osservazzjoni ta' żbilanċ sinifikanti bejn in-nazzjonalitajiet fost l-uffiċjali

L-Artikolu 27(2) jippermetti lil kull istituzzjoni tadotta miżuri xierqa wara l-osservazzjoni ta' żbilanċ sinifikanti bejn in-nazzjonalitajiet fost l-uffiċjali li ma jkunx iġġustifikat minn kriterji oġġettivi. Dawn il-miżuri xierqa jridu jkunu ġġustifikati u qatt ma għandhom jirriżultaw fi kriterji ta' reklutaġġ għajr dawk ibbażati fuq il-mertu. Qabel ma jiġu adottati dawn il-miżuri xierqa, l-awtorità tal-ħatra għandha tadotta d-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni. Fil-mument tal-finalizzazzjoni ta' dan ir-rapport, l-ebda istituzzjoni ma kienet għadha adottat dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni bħal dawn.

Artikolu 32(2) - Il-klassifikazzjoni fil-pass mar-reklutaġġ

L-istituzzjonijiet kollha adottaw dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni biex tiġi permessa anzjanità addizzjonali sa massimu ta' 24 xahar biex tiġi kkunsidrata l-esperjenza professjonali ta' uffiċjal.

Artikolu 37(b) - L-istabbiliment ta' lista ta' organizzazzjonijiet responsabbli għat-tkabbir tal-interessi tal-Unjoni

L-istituzzjonijiet kollha ħejjew lista bi ftehim dwar l-organizzazzjonijiet responsabbli biex ikabbru l-interessi tal-Unjoni.

Artikolu 42a - Il-liv tal-ġenituri, ġenituri waħidhom

L-istituzzjonijiet kollha adottaw dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni dwar il-liv tal-ġenituri, inkluża l-kwistjoni tar-rikonoxximent ta' ġenituri waħidhom għall-irduppjar tat-tul tal-liv tal-ġenituri. **Madankollu, jidher li żewġ istituzzjonijiet[29] għażlu li jadottaw dawn ir-regoli bħala regoli oħra ta' implimentazzjoni u mhux fil-forma ta' dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni, kif indikat fl-Artikolu 42a(1) tar-Regolamenti tal-Persunal.**

Artikolu 43 - Ir-rapport annwali dwar l-abbiltà, l-effiċjenza u l-kondotta fis-servizz

L-istituzzjonijiet kollha adottaw dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni dwar ir-rapporti annwali dwar l-abbiltà, l-effiċjenza u l-kondotta fis-servizz.

Artikolu 45(2) - L-abbiltà ta' ħidma fit-tielet lingwa qabel l-ewwel promozzjoni

L-istituzzjonijiet kollha adottaw regoli bi ftehim bejniethom biex jimplimentaw ir-rekwiżit li qabel l-ewwel promozzjoni tagħhom l-uffiċjali juru l-kapaċità tagħhom li jaħdmu bit-tielet lingwa.

Artikolu 45a(5) - Il-ħatra ta' uffiċjal AST għal pożizzjoni AD

[29] Il-KESE u l-KtR.

L-istituzzjonijiet kollha adottaw dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni biex idaħħlu fis-seħħ il-possibbiltà li jinħatar uffiċjal fil-grupp ta' funzjoni AST għal pożizzjoni fil-grupp ta' funzjoni AD, l-hekk imsejħa proċedura ta' ċertifikazzjoni. **Madankollu, jidher li istituzzjoni waħda[30] għażlet li tadotta dawn ir-regoli bħala regoli oħra ta' implimentazzjoni u mhux fil-forma ta' dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni, kif indikat fl-Artikolu 45a(5) tar-Regolamenti tal-Persunal.**

Artikolu 51(1) - Il-proċedura biex tiġi indirizzata l-inkompetenza

Seba' istituzzjonijiet[31] adottaw dispożizzjonijiet interni biex il-każijiet ta' inkompetenza jiġu identifikati, indirizzati u rrimedjati fil-ħin u b'mod xieraq.

Xi istituzzjonijiet adottaw ukoll regoli ta' implimentazzjoni dwar il-kwistjonijiet li ġejjin indirizzati fit-Titolu III tar-Regolamenti tal-Persunal: il-perjodu ta' prova, il-ħatra ta' uffiċjali għolja, il-maniġment intermedju, is-sekondar, il-liv għal raġunijiet personali, il-liv tal-familja, il-liv fl-interess tas-servizz, l-avvanz fil-grad, il-konferma f'karigi maniġerjali, il-promozzjoni, l-irtirar u l-grad onorarju.

Fil-perjodu 2017-2019, istituzzjoni waħda żiedet regoli ta' implimentazzjoni għal dan it-Titolu III, dwar ir-reklutaġġ ta' uffiċjali għolja.

Titolu IV – Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-uffiċjali[32]

Artikolu 55(3) – Ix-xogħol standby

Jidher li l-ebda istituzzjoni ma stabbiliet regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar ix-xogħol standby.

Artikolu 55(4) – Il-ħinijiet tax-xogħol / arranġamenti għal ħinijiet tax-xogħol flessibbli

L-istituzzjonijiet kollha introduċew arranġamenti għal ħinijiet flessibbli tax-xogħol.

Artikolu 55a + Anness IVa, Artikolu 5 – Ix-xogħol part-time

Disa' istituzzjonijiet[33] stabbilew regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar ix-xogħol part-time.

Artikolu 55b - Il-kondiviżjoni tax-xogħol

Istituzzjoni waħda[34] stabbiliet regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-artikolu dwar il-kondiviżjoni ta' xogħol.

Artikolu 56 – Is-sahra

Tmien istituzzjonijiet[35] stabbilew regoli dwar il-proċedura rigward l-awtorizzazzjoni ta' sahra jew it-termini għal benefiċċju fiss.

[30] Il-QEA.
[31] Il-PE, il-Kunsill, il-COM, il-QtĠ, il-QEA, il-KESE, l-EDPS.
[32] It-Titolu IV jinkludi wkoll setgħat speċifiċi għall-Kummissjoni (qabel ir-Riforma tal-Persunal tar-Regolamenti tal-Persunal tal-2014: għall-Kunsill) biex permezz ta' atti delegati jiġu ddeterminati l-kategoriji ta' uffiċjali intitolati għal benefiċċji speċifiċi (xogħol bix-xift, xogħol standby, kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċili). Dawn l-atti delegati mhumiex is-suġġett ta' dan ir-rapport, ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 5.
[33] Kollha ħlief il-QtĠ.
[34] COM.

Artikolu 57 - Il-liv annwali

Jidher li l-istituzzjonijiet ma stabbilewx regoli bi ftehim bejn l-istituzzjonijiet dwar il-liv annwali. Minflok, jidher li disa' istituzzjonijiet[36] adottaw ir-regoli tagħhom stess dwar din il-kwistjoni fil-forma ta' regoli oħra ta' implimentazzjoni.

Artikolu 61 - Lista ta' btajjel pubbliċi

L-istituzzjonijiet kollha ħejjew lista ta' btajjel pubbliċi bi ftehim.

Xi istituzzjonijiet adottaw ukoll regoli ta' implimentazzjoni dwar il-kwistjonijiet li ġejjin, li jikkonċernaw it-Titolu IV tar-Regolamenti tal-Persunal: it-telexogħol, il-liv tal-maternità, il-liv minħabba mard, il-proċedura ta' invaliditá, iż-żjara medika annwali u l-assenza.

Is-suġġetti miżjuda minn xi istituzzjonijiet fil-perjodu 2017-2019 kienu jikkonċernaw, b'mod partikolari, il-ħinijiet flessibbli tax-xogħol, it-telexogħol, il-liv minħabba mard, u l-assenza.

Titolu V – L-emolumenti u sigurtà soċjali għall-uffiċjali

Artikolu 72(1) - L-assigurazzjoni tal-mard

L-istituzzjonijiet kollha fasslu regoli bi ftehim dwar l-assigurazzjoni tal-mard.

Artikolu 72(1) - Ir-rimborż ta' spejjeż mediċi

Wara s-setgħa mogħtija mill-istituzzjonijiet kollha, kif previst fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 72(1), tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Kummissjoni adottat regoli li jirregolaw ir-rimborż ta' spejjeż li huma applikabbli fl-istituzzjonijiet kollha.

Artikolu 73(1) - L-assigurazzjoni kontra r-riskju ta' mardokkupazzjonali u ta' inċident

L-istituzzjonijiet kollha fasslu regoli bi ftehim dwar l-assigurazzjoni kontra r-riskju ta' mard jew aċċidenti okkupazzjonali.

Artikolu 76a - L-għajnuna finanzjarja biex tiżdied il-pensjoni ta' konjuġi sopravissuti li għandhom marda serja jew fit-tul jew li għandhom diżabbiltà

L-istituzzjonijiet kollha ffissaw bi ftehim regoli ta' implimentazzjoni dwar l-għajnuna finanzjarja biex tiżdied il-pensjoni ta' konjuġi superstiti li għandhom marda serja jew fit-tul jew li għandhom diżabbiltà.

Anness VII, Artikolu 3(1) - Allowance għall-edukazzjoni

L-istituzzjonijiet kollha stabbilew dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni dwar l-allowance għall-edukazzjoni.

Anness VII, Artikolu 9(1) - L-ispejjeż tal-ġarr

L-istituzzjonijiet kollha adottaw dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni dwar l-ispejjeż tal-ġarr. **Madankollu, jidher li istituzzjoni waħda[37] għażlet li tadotta dawn ir-regoli bħala regoli oħra ta' implimentazzjoni u**

[35] Kollha ħlief is-SEAE u l-EDPS.
[36] Kollha ħlief l-EO.
[37] Is-SEAE.

mhux fil-forma ta' dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni, kif indikat fl-Artikolu 9(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

Anness VII, Artikolu 13(2)(b) – L-iskala għall-missjonijiet f'pajjiżi terzi

Istituzzjoni waħda[38] stabbiliet u aġġustat l-iskala għall-ispejjeż f'missjonijiet f'pajjiżi barra mill-Unjoni Ewropea.

Anness VII, Artikolu 13a - L-ispejjeż għall-missjonijiet

L-istituzzjonijiet kollha adottaw dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni dwar l-ispejjeż tal-missjonijiet.

Anness VII, Artikolu 14(2) – Benefiċċju għad-divertiment

L-ebda istituzzjoni ma stabbiliet termini għar-rimborż ta' spejjeż ta' divertiment imġarrba kultant.

Anness VII, Artikolu 17(2) – It-trasferiment ta' parti mir-remunerazzjoni

L-istituzzjonijiet kollha stabbilew regoli bi ftehim dwar it-trasferiment regolari speċjali ta' parti mir-remunerazzjoni ta' uffiċjal.

Anness VIII, Artikolu 11(2) - It-trasferiment IN tal-pensjoni

Disa' istituzzjonijiet adottaw dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni sabiex jiġi ddeterminat in-numru ta' snin ta' servizz pensjonabbli li uffiċjal għandu jiġi kkreditat, meta jidħol fis-servizz tal-Unjoni wara li jitlaq mis-servizz ta' amministrazzjoni tal-gvern jew ta' organizzazzjoni nazzjonali jew internazzjonali jew iwettaq attività bħala persuna impjegata jew bħala persuna li taħdem għal rasha, skont l-iskema ta' pensjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-perjodu ta' servizz ta' qabel. **Jidher li istituzzjoni waħda[39] għad trid tadotta dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni kif previst fl-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.**

Kważi l-istituzzjonijiet kollha adottaw ukoll regoli ta' implimentazzjoni dwar il-kwistjonijiet li ġejjin indirizzati fit-Titolu V tar-Regolamenti tal-Persunal: il-benefiċċji tal-familja, l-allowance tal-unità domestika permezz ta'deċiżjoni speċjali, il-persuni ttrattati daqslikieku kienu wild dipendenti, l-allowance għall-edukazzjoni, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali, il-post tal-oriġini, l-ispejjeż ta' missjonijiet u ta' vvjaġġar fuq xogħol, it-trasferiment ta' drittijiet tal-pensjoni. Fil-maġġoranza l-kbira tal-każijiet, l-istituzzjonijiet għażlu li jadottaw dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni dwar dawn is-suġġetti.

Xi istituzzjonijiet adottaw ukoll regoli ta' implimentazzjoni dwar is-self u l-avvanzi, il-kalkolu tad-drittijiet tal-pensjoni, l-irtirar bikri, u l-benefiċċju tal-invaliditá.

Is-suġġetti miżjuda minn xi istituzzjonijiet fil-perjodu 2017-2019 kienu jikkonċernaw, b'mod partikolari, l-allowance tal-unità domestika permezz ta'deċiżjoni speċjali, il-persuni ttrattati daqslikieku kienu wild dipendenti, l-ispejjeż ta' missjonijiet u ta' vvjaġġar fuq xogħol, is-self u l-avvanzi, u l-irtirar bikri.

Titolu VI – Miżuri dixxiplinari

[38] Is-SEAE.
[39] L-EO.

Anness IX, Artikolu 2(3) – L-inkjesti amministrattivi

Tmien istituzzjonijiet adottaw arranġamenti ta' implimentazzjoni dwar inkjesti amministrattivi fil-forma ta' dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni. **Jidher li żewġ istituzzjonijiet[40] għad iridu jadottaw id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni rilevanti, kif previst fl-Artikolu 2(3) tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal.**

Anness IX, Artikolu 30 – Il-proċedimenti dixxiplinari

Tmien istituzzjonijiet[41] adottaw arranġamenti ta' implimentazzjoni dwar proċedimenti dixxiplinari b'mod aktar ġenerali.

Titolu VII – L-appelli

Artikoli 90 u 91 - L-appelli

Istituzzjoni waħda[42] adottat regoli ta' implimentazzjoni dwar l-ilmenti/l-appelli fis-sens tal-Artikoli 90 u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal. Istituzzjoni waħda[43] adottat regoli ta' implimentazzjoni dwar investigazzjonijiet li jikkonċernaw il-bordijiet tas-selezzjoni tal-EPSO.

Titolu VIIIa – Dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għas-SEAE

Artikolu 96 - L-uffiċjali tal-Kummissjoni li jaħdmu f'delegazzjoni tal-Unjoni u l-uffiċjali tas-SEAE li jwettqu kompiti għall-Kummissjoni

Il-Kummissjoni u s-SEAE qablu dwar l-arranġamenti dettaljati dwar it-teħid ta' struzzjonijiet minn uffiċjal tal-Kummissjoni li jaħdem f'delegazzjoni tal-Unjoni mill-Kap tad-Delegazzjoni u minn uffiċjal tas-SEAE li għandu jwettaq kompiti għall-Kummissjoni mill-Kummissjoni.

Titolu VIIIb – Dispożizzjonijiet speċjali u eċċezzjonali applikabbli għall-uffiċjali li jservu f'pajjiż terz

Anness X, Artikolu 1(3) - Uffiċjali li jservu f'pajjiż terz

Il-Kummissjoni u s-SEAE adottaw dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni applikabbli għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea li jservu f'pajjiż terz. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat fil-ġurisprudenza tagħha li r-Regolamenti tal-Persunal ma jobbligawx lill-istituzzjonijiet jadottaw dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni għall-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal. Madankollu, jekk istituzzjoni tagħżel li tagħmel dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal (jiġifieri l-adozzjoni permezz ta' dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni) trid tiġi segwita.[44].

Anness X, Artikolu 2 - It-trasferiment ta' uffiċjali li jservu f'pajjiżi terzi

Il-Kummissjoni biss stabbiliet regoli ta' implimentazzjoni dettaljati dwar it-trasferimenti ta' uffiċjali permezz ta' proċedura speċifika msemmija bħala l-"proċedura ta' mobilità".

[40] Il-Kunsill u l-QEA.
[41] Kollha ħlief il-Kunsill u l-QEA.
[42] L-EDPS.
[43] Il-PE.
[44] Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawża C-427/18 P, *SEAE / Alba Aguilera et al.*, il-punt 77.

Anness X, Artikolu 3 – L-applikazzjoni eċċezzjonali tal-Anness X għalufficjali assenjati mill-ġdid temporanjament fil-Kwartieri Ġenerali

L-istituzzjonijiet ma adottawx dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni dwar l-applikazzjoni eċċezzjonali tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali li huma temporanjament assenjati mill-ġdid fil-Kwartieri Ġenerali. Madankollu, fiż-żmien tat-tħejjija ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni u s-SEAE kienu fil-proċess li jadottaw dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni f'dan ir-rigward.

Anness X, Artikolu 5(2) - L-akkomodazzjoni għal uffiċjali li jservu f'pajjiżi terzi

Il-Kummissjoni u s-SEAE stabbilew regoli dettaljati dwar l-għoti ta' akkomodazzjoni lil uffiċjal.

Anness X, Artikolu 10(3) – Benefiċċju għall-kundizzjonijiet tal-għajxien

Il-Kummissjoni u s-SEAE adottaw dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-benefiċċju għall-kundizzjonijiet tal-għajxien.

Anness X, Artikolu 23 - Ir-rimborż tal-kera għall-uffiċjali li jservu f'pajjiżi terzi

Il-Kummissjoni u s-SEAE stabbilew regoli dettaljati dwar benefiċċju għall-akkomodazzjoni jew rimborż tal-kera.

Il-Kummissjoni u s-SEAE adottaw ukoll regoli ta' implimentazzjoni dwar il-kwistjonijiet li ġejjin indirizzati fit-Titolu VIIIb tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Anness X tiegħu: il-liv ta' mistrieħ, il-munita u l-ponderazzjoni, ir-rimborż lill-uffiċjali assenjati fil-pajjiżi mhux membri, il-mobilità ta' aġenti kuntrattwali tas-SEAE, il-benefiċċju ta' akkomodazzjoni temporanja u l-ispiża tat-trasport, l-assigurazzjoni tal-mard u l-assigurazzjoni tal-aċċidenti.

Ma kien hemm l-ebda suġġett ġdid miżjud mill-istituzzjonijiet taħt dan it-titolu fil-perjodu 2017-2019.

Kundizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra

Titolu II - Persunal temporanju

Artikolu 12(1), it-tielet subparagrafu – Miżuri xierqa wara l-osservazzjoni ta' żbilanċ sinifikanti bejn in-nazzjonalitajiet fost il-persunal temporanju

L-Artikolu 12(1), it-tielet subparagrafu, jippermetti li kull istituzzjoni tadotta miżuri xierqa wara l-osservazzjoni ta' żbilanċ sinifikanti bejn in-nazzjonalitajiet fost il-persunal temporanju li ma jkunx iġġustifikat minn kriterji oġġettivi. Dawn il-miżuri xierqa jridu jkunu ġġustifikati u qatt ma għandhom jirriżultaw fi kriterji ta' reklutaġġ għajr dawk ibbażati fuq il-mertu. Qabel ma jiġu adottati dawn il-miżuri xierqa, l-awtorità awtorizzata li tikkonkludi kuntratti ta' reklutaġġ għandha tadotta dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni. Fil-mument tal-finalizzazzjoni ta' dan ir-rapport, l-ebda istituzzjoni ma kienet għadha adottat dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni bħal dawn.

Artikolu 12(5) – Il-proċeduri għal reklutaġġ ta' persunal temporanju

Ħames istituzzjonijiet[45] adottaw dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni dwar il-proċeduri għal reklutaġġ ta' persunal temporanju. **Madankollu, jidher li tnejn[46] minn ħames istituzzjonijiet għażlu li jadottaw dawn ir-**

[45] Il-PE, il-QEA, is-SEAE, il-KESE, il-KtR.

regoli bħala regoli oħra ta' implimentazzjoni u mhux fil-forma ta' dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni, kif indikat fl-Artikolu 12(5) tas-CEOS.

Artikolu 28a(2) – Dispożizzjonijiet dwar l-għoti ta' benefiċċju tal-qgħad lill-aġenti temporanji

L-ebda istituzzjoni ma stabbiliet dispożizzjonijiet dwar l-għoti ta' benefiċċju tal-qgħad lill-persunal temporanju.

Artikolu 28a(10) – Arranġamenti dettaljati dwar l-għoti ta' benefiċċju tal-qgħad lill-aġenti temporanji

L-istituzzjonijiet kollha stabbilew bi ftehim reċiproku arranġamenti dettaljati għad-dispożizzjonijiet dwar l-għoti ta' benefiċċju tal-qgħad lill-persunal temporanju.

Artikolu 42 – Kundizzjonijiet għall-pagamenti li jikkostitwixxu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-oriġini

L-ebda istituzzjoni ma stabbiliet kundizzjonijiet għall-pagamenti li jikkostitwixxu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-oriġini għall-persunal temporanju.

Artikolu 54 – Ir-riklassifikazzjoni ta' persunal temporanju - Artikolu 2(f) tas-CEOS

Jidher li kważi l-aġenziji kollha[47] adottaw, abbażi tal-ftehim *ex ante* orizzontali tal-Kummissjoni, dispożizzjonijiet ġenerali għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-klassifikazzjoni ta' persunal temporanju (l-Artikolu 2(f) tas-CEOS) fil-grad ogħla li jmiss. **L-Artikolu 54 tas-CEOS jirrikjedi li l-aġenziji kollha jadottaw dawn ir-regoli.**

Artikolu 56 – Ir-reklutaġġ u l-użu ta' persunal temporanju - Artikolu 2(f) tas-CEOS

Jidher li kważi l-aġenziji kollha[48] adottaw, abbażi tal-ftehim *ex ante* orizzontali tal-Kummissjoni, dispożizzjonijiet ġenerali għall-implimentazzjoni tal-proċeduri li jirregolaw ir-reklutaġġ u l-użu ta' persunal temporanju (l-Artikolu 2(f) tas-CEOS). **L-Artikolu 56 tas-CEOS jirrikjedi li l-aġenziji kollha jadottaw dawn ir-regoli.**

Xi istituzzjonijiet adottaw ukoll regoli ta' implimentazzjoni dwar il-kwistjonijiet li ġejjin, li jikkonċernaw it-Titolu II tas-CEOS: il-politika ġenerali għar-reklutaġġ u l-użu ta' aġenti temporanji, ir-riklassifikazzjoni tal-persunal temporanju, il-miżuri ta' natura soċjali, il-paga tal-maternità, u l-irtirar bikri.

Fil-perjodu 2017-2019, l-unika istituzzjoni żiedet regoli dwar miżuri ta' natura soċjali.

Titolu IV – Il-persunal kuntrattwali

Artikolu 79(2) - L-użu ta' persunal kuntrattwali

L-istituzzjonijiet kollha adottaw dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni li jirregolaw l-użu tal-persunal kuntrattwali.

[46] Il-QEA, il-KESE.

[47] L-aġenziji kollha ħlief waħda li nħolqot reċentement li kienet fil-proċess tat-tħejjija tar-regoli għall-adozzjoni fiż-żmien tat-tħejjija ta' dan ir-rapport.

[48] L-aġenziji kollha ħlief tlieta, li tnejn minnhom, minħabba s-sitwazzjoni speċifika tagħhom, adottaw regoli proprji għall-Artikolu 56 tas-CEOS, wara l-ftehim individwali tal-Kummissjoni u mhux ibbażati fuq il-ftehim *ex ante* tal-Kummissjoni.

Artikolu 82(6) - Ir-reklutaġġ ta' persunal kuntrattwali

L-istituzzjonijiet kollha adottaw dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni dwar il-proċeduri għar-reklutaġġ ta' persunal kuntrattwali.

Artikolu 86(1) - Il-gradazzjoni ta' persunal kuntrattwali

L-istituzzjonijiet kollha adottaw dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni dwar il-gradazzjoni ta' persunal kuntrattwali.

Artikolu 96(2) – Dispożizzjonijiet dwar l-għoti ta' benefiċċju tal-qgħad lill-persunal kuntrattwali

L-ebda istituzzjoni ma stabbiliet dispożizzjonijiet dwar l-għoti ta' benefiċċju tal-qgħad lill-persunal kuntrattwali.

Artikolu 112 – Kundizzjonijiet għall-pagamenti għad-drittijiet tal-pensjoni, il-qgħad, l-invaliditá, l-assigurazzjoni tal-ħajja u tal-mard fil-pajjiż tal-aħħar kopertura

L-ebda istituzzjoni ma stabbiliet kundizzjonijiet għall-pagamenti għad-drittijiet tal-pensjoni, il-qgħad, l-invaliditá, l-assigurazzjoni tal-ħajja u tal-mard fil-pajjiż tal-aħħar kopertura.

Xi istituzzjonijiet adottaw ukoll regoli ta' implimentazzjoni dwar il-kwistjonijiet li ġejjin, li jikkonċernaw it-Titolu IV tas-CEOS: il-miżuri ta' natura soċjali, l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni, id-durata massima tar-rikors għal persunal mhux permanenti, l-interpreti awżiljarji tal-konferenzi, il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-interpreti, u l-mobilità ta' persunal kuntrattwali fid-delegazzjonijiet.

Fil-perjodu 2017-2019, istituzzjoni waħda żiedet regoli dwar miżuri ta' natura soċjali.

Titolu V – Il-persunal lokali

Artikoli 120 u 121 – Il-persunal lokali

Il-Kummissjoni u s-SEAE adottaw regoli oħra ta' implimentazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg u s-sigurtà soċjali għall-aġenti lokali fid-delegazzjonijiet. Is-SEAE adotta wkoll regoli oħra ta' implimentazzjoni dwar il-metodu tas-salarju.

Titolu VI – Konsulenti speċjali

Artikoli 5, 123 u 124 – Konsulenti speċjali

Il-Kummissjoni adottat regoli ta' implimentazzjoni dwar konsulenti speċjali.

Titolu VII – L-assistenti parlamentari

Artikolu 125 - L-assistenti parlamentari

Il-Parlament Ewropew adotta miżuri ta' implimentazzjoni permezz ta' deċiżjoni interna għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-assistenti parlamentari.

*****

Fir-rigward tal-konverġenza dwar is-suġġett ta' regoli ta' implimentazzjoni, minn dak li ntqal hawn fuq jidher li kien hemm aktar konverġenza bejn l-istituzzjonijiet matul il-perjodu ta' rapportar. Tali konverġenza kienet akbar fis-suġġetti fejn il-maġġoranza tal-istituzzjonijiet kienu diġà adottaw regoli fil-perjodu ta' rapportar preċedenti jew qabel, b'istituzzjonijiet oħra jagħmlu l-istess. Dan kien jikkonċerna, b'mod partikolari, is-suġġetti li ġejjin: it-tipi ta' pożizzjonijiet u t-titoli tal-pożizzjonijiet, il-kumitati, l-anti-fastidju, it-taħriġ, il-liv għal raġunijiet personali, il-ħin tax-xogħol, ix-xogħol part-time, it-telexogħol, l-allowance tal-unità domestika permezz ta'deċiżjoni speċjali, l-ispejjeż ta' missjonijiet u ta' vvjaġġar fuq xogħol.

Xi konverġenza aktar limitata seħħet ukoll fuq is-suġġetti tas-saħħa u s-sigurtà, it-trasferiment, l-etika u l-integrità, ir-reklutaġġ ta' uffiċjali għolja, iż-żjara medika annwali, is-self u l-avvanzi, u l-proċedimenti dixxiplinari.

Suġġetti ġodda introdotti matul il-perjodu ta' rapportar kienu l-opportunitajiet indaqs, l-irtirar bikri, il-mobilità ta' uffiċjali li jservu f'pajjiż terz, il-miżuri ta' natura soċjali għal persunal temporanju u kuntrattwali, u l-metodu tas-salarju għal persunal kuntrattwali li jservi f'pajjiż terz.

b) Ir-reġistru amministrat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Minn Frar 2014 'l hawn, ir-reġistru tar-regoli adottat mill-awtorità tal-ħatra ta' kull istituzzjoni u aġenzija kien disponibbli għall-pubbliku permezz ta' applikazzjoni tal-internet "Ċentru ta' Riżorsi ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni għall-Amministraturi, in-Negozji u ċ-Ċittadini (Circabc)" li tista' tiġi aċċessata permezz ta' kont tal-EU-Login apposta.

Ir-reġistru stabbilixxa l-istruttura tad-dokument li ġejja:

Titolu	Deskrizzjoni
1. Ir-Regolamenti tal-Persunal u s-CEOS	*"Dawn huma r-Regolamenti applikabbli għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kundizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għal impjegati oħra tal-Unjoni."*
2. Ir-regoli ta' natura ġenerali	*"Dawn huma regoli adottati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jew l-atti delegati adottati mill-Kummissjoni Ewropea għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal u applikabbli għall-persunal tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-Unjoni."*
3. Ir-regoli stabbiliti bi qbil komuni	*"Ċerti artikoli tar-Regolamenti tal-Persunal jirreferu espressament, għall-applikazzjoni tagħhom, għar-regoli stabbiliti bi qbil komuni bejn l-istituzzjonijiet. Dawn ir-regoli jiġu adottati bl-istess mod eżatt minn kull istituzzjoni, u l-President tal-Qorti tal-Ġustizzja finalment jistabbilixxi l-qbil komuni bejn l-istituzzjonijiet."*
4. Dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni (GIP)	*"Fejn ir-Regolamenti tal-Persunal espressament jipprevedu, kull istituzzjoni tadotta d-dispożizzjonijiet ġenerali għall-implimentazzjoni tal-artikoli tar-Regolamenti tal-Persunal, wara li tkun ikkonsultat lill-Kumitat tal-Persunal u kisbet l-opinjoni tal-Kumitat dwar ir-Regolamenti tal-Persunal. Ċerti testi huma wkoll adottati mill-istituzzjonijiet, fil-forma ta' "dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni" jew fejn l-artikoli tar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdu għal "dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni" jew fejn id-dispożizzjonijiet statutorji mhumiex espliċiti b'mod suffiċjenti biex jiġu applikati direttament."*
5. Regoli oħra ta'	*"Dawn huma testi adottati minn kull istituzzjoni biex jiġu implimentati r-*

implimentazzjoni (IR)	*Regolamenti tal-Persunal u la huma regoli stabbiliti bi qbil komuni u lanqas dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni."*

Ir-regoli taħt kull titolu huma organizzati minn istituzzjoni b'folder konġunt għall-aġenziji tal-Unjoni Ewropea. Uħud mill-istituzzjonijiet organizzaw ulterjorment ir-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom f'subfolders skont is-suġġett.

Fir-rigward tal-aġenziji, ir-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom huma ppreżentati fir-reġistru taħt it-titoli "Dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni (GIP)" u "Regoli oħra ta' implimentazzjoni (IR)" fil-folder konġunt "Aġenziji tal-Unjoni Ewropea".

Il-folder fih subfolders għal:

- "Il-ftehimiet tal-Kummissjoni *ex ante* dwar GIP derogati" u "Il-ftehimiet tal-Kummissjoni *ex ante* dwar IR derogati", rispettivament, deskritti bħala "*Ftehimiet applikabbli għall-aġenziji kollha. Ftehimiet applikabbli għall-aġenziji eżekuttivi. Ftehimiet applikabbli għal aġenziji deċentralizzati u impriżi konġunti.*" Dawn is-subfolders huma subdiviżi aktar f'folders skont is-suġġett.
- "Impriżi konġunti"
- "Aġenziji deċentralizzati"
- "Aġenziji eżekuttivi"

Dan ir-rapport jirrigwarda r-regoli kif elenkati taħt it-titoli minn 3 sa 5 fir-reġistru.

Fir-rigward ta' dawn ir-regoli, konsultazzjoni tar-reġistru turi li l-istituzzjonijiet u l-aġenziji kollha b'mod aktar ġenerali huma konxji mill-eżistenza tar-reġistru u mir-rekwiżit li jippreżentaw ir-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom lilu. Madankollu, il-livell ta' konformità ma' dan ir-rekwiżit huwa differenti ħafna fl-istituzzjonijiet u jvarja b'mod sinifikanti bejn it-tipi ta' regoli.

Ir-rekords fir-reġistru huma kompluti fir-rigward tar-regoli stabbiliti bi qbil komuni.

Sa fejn huma kkonċernati d-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni, il-livell ta' konformità jidher għoli, peress li l-istituzzjonijiet kollha ppreżentaw regoli. Minkejja dan, għal xi istituzzjonijiet ir-reġistru fih ħafna mid-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni tagħhom, filwaqt li għal oħrajn dan għadu mhux komplut.

B'kuntrast ma' dan, fir-rigward ta' regoli oħra ta' implimentazzjoni, l-aġenziji b'mod aktar ġenerali[49] u 5 minn 10 istituzzjonijiet biss ippreżentaw ir-regoli tagħhom lir-reġistru. Għal xi istituzzjonijiet li għamlu dan, ir-rekords huma aktar aġġornati, filwaqt li għal oħrajn, għad irid jiġi ppreżentat għadd sinifikanti ta' regoli ta' implimentazzjoni.

[49] Madankollu, il-Kummissjoni ma wettqitx eżami fil-fond dwar jekk ir-regoli rilevanti kollha tal-aġenziji kollha ġewx ippreżentati.

Dan jista' jiġi spjegat minn ċarezza insuffiċjenti tal-kamp ta' applikazzjoni preċiż tar-rekwiżit li jiġu ppreżentati regoli ta' implimentazzjoni lir-reġistru u n-nuqqas ta' ftehim interistituzzjonali għal dak il-għan.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, wieħed jenħtieġ li jinnota li l-kontenut tar-reġistru mhuwiex identiku għall-kontenut ta' dan ir-rapport, ħlief fir-rigward tar-regoli stabbiliti bi qbil komuni.

Minbarra d-differenzi li jirriżultaw mil-livell differenti ta' kompletezza tal-informazzjoni sottomessa lir-reġistru, jirriżultaw xi diverġenzi mill-ispeċifiċitajiet tal-metodoloġija użata għal dan ir-rapport. B'mod partikolari, dan ir-rapport fih biss regoli ta' implimentazzjoni li kienu fis-seħħ matul il-perjodu 2017-2019, filwaqt li r-reġistru fih ukoll regoli ta' implimentazzjoni li ma kinux għadhom applikabbli matul dan il-perjodu. Barra minn hekk, xi istituzzjonijiet ippreżentaw regoli li jemendaw regola pre-eżistenti fir-reġistru separatament, filwaqt li dan ir-rapport ma jidentifikax ir-regoli emendatorji bħala regoli separati.

KONFORMITÀ

→ L-istituzzjonijiet fil-biċċa l-kbira kkonformaw mal-qafas tar-Regolamenti tal-Persunal u s-CEOS.

→ Ir-rapport jeżamina dawk l-oqsma - kompletament limitati - fejn l-istituzzjonijiet u l-aġenziji jidhru li għadhom lura mill-qafas statutorju.

→ Kien hemm aktar konverġenza dwar suġġetti ta' regoli ta' implimentazzjoni bejn l-istituzzjonijiet matul il-perjodu ta' rapportar. Tali konverġenza kienet akbar fis-suġġetti fejn il-maġġoranza tal-istituzzjonijiet kienu diġà adottaw regoli fil-perjodu ta' rapportar preċedenti jew qabel, b'istituzzjonijiet oħra jagħmlu l-istess. Xi konverġenza aktar limitata seħħet ukoll fuq suġġetti oħra. Ġew introdotti wkoll xi ftit suġġetti ġodda.

→ Ir-reġistru miżmum mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea huwa funzjonali, iżda l-kontenut tiegħu mhuwiex sinkronizzat ma' dan ir-rapport. Il-kamp ta' applikazzjoni preċiż tar-rekwiżit li jiġu ppreżentati regoli ta' implimentazzjoni lir-reġistru jeħtieġ li jiġi ċċarat u miftiehem fost l-istituzzjonijiet u l-aġenziji.

TITOLU 4. SOMMARJU

Dan ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn ir-regoli adottati għad-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal u s-CEOS fl-istituzzjonijiet, li kienu fis-seħħ matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2019.

Ir-rapport juri li l-istituzzjonijiet igawdu awtonomija fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal u tas-CEOS għall-persunal tagħhom. Din l-awtonomija tiġi eżerċitata fil-qafas legali, kif previst mir-Regolamenti tal-Persunal. Barra minn hekk, ir-Regolamenti tal-Persunal jipprevedu mekkaniżmi speċifiċi biex jinkiseb approċċ interistituzzjonali komuni, kull meta s-suġġett jitlob tali armonizzazzjoni.

Ir-rapport juri li l-istituzzjonijiet użaw b'mod wiesa' s-setgħa tagħhom li jadottaw ir-regoli għad-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal u tas-CEOS, minkejja li l-awtoritajiet tal-ħatra tal-istituzzjonijiet individwali eżerċitaw din is-setgħa fi gradi differenti. Din il-varjetà tista' titqies bħala riflessjoni tar-realtajiet amministrattivi differenti u l-prinċipju ta' awtonomija ta' kull istituzzjoni bħala impjegatur, kif rikonoxxut mid-dritt tal-Unjoni. Minkejja dan, ir-rapport jindika li kien hemm aktar konverġenza fost l-istituzzjonijiet dwar għadd sinifikanti ta' suġġetti ta' regoli ta' implimentazzjoni matul il-perjodu ta' rapportar.

Ir-rapport jipprovdi inventarju eżawrjenti tar-regoli ta' implimentazzjoni adottati fl-istituzzjonijiet. Huwa jippreżenta r-regoli ta' implimentazzjoni kollha bl-użu ta' metodoloġija komuni. Dan jippermetti approċċ komparattiv bejn l-istituzzjonijiet, u b'hekk tiżdied it-trasparenza. Rigward l-aġenziji, ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali aggregata u janalizza l-effetti tal-mekkaniżmi ta' armonizzazzjoni introdotti fl-2014.

Fir-rigward tal-konformità, ir-rapport jippermetti li jiġi konkluż li l-awtoritajiet tal-ħatra tal-istituzzjonijiet u tal-aġenziji, meta jadottaw regoli ta' implimentazzjoni, fil-biċċa l-kbira tagħhom irrispettaw il-qafas legali previst mir-Regolamenti tal-Persunal u mis-CEOS. Ir-rapport jeżamina dawk l-oqsma - kompletament limitati - fejn l-istituzzjonijiet u l-aġenziji jidhru li għadhom lura mill-qafas statutorju. Minkejja dan, filwaqt li dan ir-rapport jikkonċerna l-adozzjoni tar-regoli u mhux l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni attwali ta' dawk ir-regoli mill-istituzzjonijiet u l-aġenziji, li joperaw fl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-awtonomija istituzzjonali, l-istituzzjonijiet u l-aġenziji jistgħu jirriflettu dwar kif il-mekkaniżmi eżistenti jistgħu jiġu sfruttati sabiex tkompli tissaħħaħ implimentazzjoni koerenti tar-regoli u l-iskambju tal-aħjar prattiki.

Minn Frar 2014, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea stabbiliet ir-reġistru tar-regoli ta' implimentazzjoni, kif previst fl-Artikolu 110(6) tar-Regolamenti tal-Persunal. Dan ir-reġistru huwa disponibbli għall-pubbliku u aġġornat fuq bażi kontinwa. Ir-rapport jikkonkludi li r-reġistru huwa funzjonali, iżda l-kontenut tiegħu mhuwiex sinkronizzat ma' dan ir-rapport. Jidher li l-kamp ta' applikazzjoni preċiż tar-rekwiżit li jiġu ppreżentati regoli ta'

implimentazzjoni lir-reġistru jeħtieġ li jiġi ċċarat u miftiehem fost l-istituzzjonijiet u l-aġenziji.

Bħala prospettiva, is-servizzi tal-Kummissjoni se jittrażmettu dan ir-rapport lill-Kapijiet tal-Amministrazzjoni tal-istituzzjonijiet kollha u lin-Network tal-Aġenziji tal-UE, filwaqt li jippermettu lill-istituzzjonijiet u lill-aġenziji jivvalutaw il-konformità individwali tagħhom mal-qafas statutorju deskritt f'dan ir-rapport u jieħdu l-azzjonijiet meqjusa meħtieġa.

Se jkun meħtieġ li l-Kummissjoni tressaq ir-rapport li jmiss fuq il-bażi tal-Artikolu 110(6) tar-Regolamenti tal-Persunal fi żmien tliet snin. Ir-rapport li jmiss se jkopri r-regoli ta' implimentazzjoni fis-seħħ matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2022.

ANNESSI

Anness I	**Regoli adottati bi ftehim bejn l-istituzzjonijiet**
Anness II	**Regoli ta' implimentazzjoni fl-istituzzjonijiet**
Anness III	**Tabella konsolidata għall-istituzzjonijiet**
Anness IV	**Regoli ta' implimentazzjoni fl-aġenziji**